MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 383/2019 LM

**Deidre Fenech (K.I. nru. 386985(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

1. **Alfred Schembri (K.I. nru. 459490(M))**
2. **Christian Casha (K.I. nru. 242685(M))**

*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Alfred Schembri (K.I. nru. 459490(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] minn sentenza mogħtija fl-24 ta' Jannar, 2023, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'I quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda t-

talba tar-rikorrenti **Deidre Fenech (K.I. nru. 386985(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’] fil-konfront tiegħu u tal-intimat l-ieħor **Christian Casha (K.I. nru. 242685(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-intimat Casha’] kif ġej:

> “- *Jilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u jiddikjara li Christian Casha mhuwiex leġittimu kontradittur u għalhekk jilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;*
>
> \- *Jiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;*
>
> \- *Jilqa’ t-talbiet tal-attriċi fl-intier tagħhom iżda biss safejn huma diretti kontra Alfred Schembri u konsegwentement jikkundannah iħallas lill-attriċi l-ammont ta’ tlett elef u tmien mija u sitta u tmenin Ewro u disgħin ċenteżmu (€3,886.90) bl-imgħax li huwa dekorribbli mill-aħħar jum tax-xahar ta’ Frar tas-sena 2018 b’dan illi l-imgħax għandu jkun ikkalkulat b’rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi.*
>
> *It-Tribunal jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba li permezz tagħha ntalbu l-ispejjeż ta’ ittri uffiċjali u protest ġudizzjarju* siccome *ma ġiet ippreżentata ebda prova ta’ dawn.*
>
> *L-ispejjeż tal-kawża jitħallas interament mill-konvenut.”*

## <u>Fatti</u>

2. Il-każ odjern jirrigwarda xogħlijiet ta’ kostruzzjoni li ġew inkarigati jagħmlu l-appellant u l-intimat Casha mill-appellata fil-fond proprjetà tagħha li għandu n-numru 13, Triq il-Warda, iż-Żurrieq, [minn issa ’l quddiem ‘il-fond’], u dan skont kuntratt iffirmat bejniethom fis-27 ta’ Novembru, 2017.[1] Skont l-istess appellata, l-appellant li effettivament kien qed jeżegwixxi waħdu x-xogħlijiet in kwistjoni, ma kienx spiċċa l-imsemmija xogħlijiet kif inkarigat, u barra minn hekk, dak li sar ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

[1] Ara kopja ‘Dok. DF’ *a fol.* 6 tal-atti tat-Tribunal.

## **Mertu**

3. L-appellata għalhekk istitwiet dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż tat-Talba fil-5 ta' Diċembru, 2019 fejn talbet l-imsemmi Tribunal sabiex:

*"1. Jiddikjara li l-intimati jew minn minnhom huma responsabbli għad-danni kkawżati lill-attriċi Deidre Fenech (K.I. 386985M) u tiddikjarahom responsabbli għall-konsegwenzjali danni li soffriet l-attriċi Deidre Fenech (K.I. 386985M);*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi Deidre Fenech (K.I. 386985M) li jammontaw għal tlett elef, tmin mija u sitta u tmenin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (EUR 3886.90); u*

*3. Tikkundanna lill-intimati jew lil minn minnhom iħallas lill-attriċi Deidre Fenech (K.I. 386985M) l-ammont hekk likwidat ta' tlett elef, tmin mija u sitta u tmenin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (EUR 3,886.90).*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju bin-numru 77/2019 fl-ismijiet* Deidre Fenech vs Alfred Schembri et *u l-ittri uffiċjali bin-numru 1533/2019 fl-ismijiet* Deidre Fenech vs Alfred Schembri et *u dik bin-numru 1860/2019 fl-ismijiet* Deidre Fenech vs Alfred Schembri et *u bl-imgħax kontra l-intimati, minn issa nġunti in subizzjoni."*

4. L-appellant u l-intimat Casha wieġbu fit-30 ta' Jannar, 2020 fejn eċċepew is-segwenti: (a) preliminarjament l-intimat Casha ma kienx leġittimu kontradittur; (b) mingħajr preġudizzju, it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; (ċ) mhux minnu li l-appellant ma kienx spiċċa x-xogħol kif allegat; (d) it-talba għall-ħlas hija insostenibbli; (d) l-appellata kienet ħallset l-ammont ta' €18,481.16 mingħajr l-ebda riżerva; (e) mhux minnu li ma sarux il-blajjet kif mifthiem, u li l-appellant għamel użu minn xi forma ta' *'steel reinforcement bar/s'* kif allegat fir-rapport peritali; (f) ir-rapport peritali tal-Perit Ray Said tal-31 ta' Jannar, 2019 u d-dikjarazzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar, 2019, ma kienux attendibbli stante li ma kienux jirriflettu l-verità; (ġ) il-forza maġġuri fir-rigward

tax-xogħol tal-kontrabejt stante li kien weġġa' riżultat ta' waqgħa; (g) in-negliġenza kontributorja tal-appellata ġaladarba huwa kien infurmaha li ma setax jaħdem għaliex kien weġġa'; (għ) kwalunkwe nuqqasijiet allegati mill-appellata huma ta' natura estetika u ma kellhomx il-valur ta' dak li tħallas għalihom mill-istess appellata; (h) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

## Is-Sentenza Appellata

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*A. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti*

*Permezz tal-ewwel eċċezzjoni, il-konvenut Christian Casha jgħid li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur. It-Tribunal ma jistax ma jikkummentax li meta l-konvenut Alfred Schembri ġie biex jiffirma l-kuntratt immarkat dokument DF (fol. 6 et seq.), messu, meta ra li kien hemm isem Christian Casha minflok ismu, ma ffirmax sakemm jitniżżel ismu minflok isem Casha. Altrimenti tinħoloq sitwazzjoni fejn kuntratt jorbot lil Christian Casha jagħmel xi xogħlijiet għal Deirdre Fenech iżda fil-verità, il-post fejn suppost jiffirma Casha jimtela mill-firma ta' ħaddieħor – f'dan il-każ, il-firma ta' Alfred Schembri.*

*It-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet **Pauline MacDonald vs. Medistar Healthcare Services Limited et** (deċiża fit-28 ta' Settembru 2016) li fiha ntqal:*

"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:

Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:

"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew

akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.

Fil-kaz fl-ismijiet Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deċiż fit-23 t'Ottubru 2009 intqal hekk:

"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuż jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni mal-oġġett jew it-titolu tal-kawża."

Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:

"Għal fini tal-valutazzjoni tal-integrità tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta." (Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)."

*F'dan il-każ, jirriżulta ċar saħansitra mill-Avviż tat-Talba li l-ilmenti tal-attriċi huma diretti kontra Alfred Schembri, Fil-fatt, il-paragrafu numru 2 tal-Avviż tat-Talba (fol. 2) jgħid* "…l-intimat Alfred Schembri li effettivament kien hu li kien qiegħed jagħmel ix-xogħlijiet in kwistjoni ma kkompletax ix-xogħol li kien inkarigat jagħmel, u x-xogħol li sar mill-intimat Alfred Schembri ma sarx skont is-sengħa u l-arti*."*

*Inoltre, l-invoice immarkata dokument DF2 u esebita mill-attriċi stess (fol. 11) għandha l-isem tar-rikorrent fl-intestatura u saħansitra kitba li tgħid* "If you have any queries about this invoice, please contact (Alfred Schembri / 79298437)".

*Id-dokument DF4, li huwa rapport tal-ħsarat redatt mill-Perit Raymond Said, jgħid ċar li x-xogħlijiet li saru, saru minn Alfred Schembri.*

*Huwa ċar għalhekk li l-uniku involviment ta' Christian Casha huwa li ismu kien inkluż fil-kuntratt relattiv iżda hu qatt ma ffirma dan il-kuntratt jew kellu xi parti fil-kwistjoni bejn il-partijiet. Anzi, il-parti tal-kuntratt riżervata għall-firma tiegħu mtliet bil-firma ta' Alfred Schembri.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jakkolji l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u jiddikjara li Christian Casha mhuwiex leġittimu kontradittur u għalhekk jilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*B. Il-mertu*

*Il-Perit Said xehed fl-affidavit tiegħu li qabel inbeda x-xogħol, ġie spjegat lil Alfred Schembri x'kien ix-xogħol li kellu jsir. Kien hemm qbil li x-xogħol jibda fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2017 u jkun lest sa nofs Frar tas-sena 2018. Dan mhuwiex ikkontestat mill-konvenut fl-affidavit tiegħu. Fil-fatt, Alfred Schembri jgħid (fol. 225) li f'April 2018, huwa kien lesta x-xogħol kollu indikat fil-*bill of quantities *ħlief il-kontrabejt fuq żewġ kmamar li kien bena huwa stess.*

*Il-konvenut Alfred Schembri kkonferma fil-kontro-eżami li l-kuntratt relattiv ġie ffirmat minnu. Huwa kkonferma wkoll li kellu jlesti x-xogħol sa nofs Frar tas-sena 2018 u kkonferma li kellu jeħel mitt Ewro kuljum f'penali kemm-il darba x-xogħol idum aktar mid-data stipulata.*

*L-ilment prinċipali tal-attriċi huwa li l-konvenut ma mexiex skont il-kuntratt billi x-xogħol dam sa April 2018 u mhux sa Frar 2018. Inoltre, jirriżulta li meta l-Perit Said eżamina l-fond f'April 2018, elenka xi xogħol rimedjali u xi tibdiliet li kellhom isiru, iżda l-Perit spjega li billi dawn li fadal kienu* "xogħlijiet minuri"*, ħass li seta' joħrog* certificate of completion. *In kontro-eżami, il-Perit Said spjega li fil-professjoni tiegħu, kienet prassi li meta x-xogħol ikun wasal biex jitlesta u x-xogħol pendenti jkun jikkonsisti f'affarijiet żgħar, jinħareġ iċ-ċertifikat relattiv bi qbil mal-bennej iżda l-ħruġ taċ-ċertifikat b'ebda mod ma jkun ifisser li l-bennej f'daqqa waħda m'għadux obbligat iwettaq l-aħħar ftit affarijiet sabiex l-inkarigu jkun lest u komplut minn kollox.*

*It-Tribunal qiegħed jifhem, f'dan l-istadju, li mhuwiex minnu li kif donnu jrid jenfasizza l-konvenut Schembri, il-Perit Said għamel xi dikjarazzjoni falza. Anzi, il-Perit Said u b'estensjoni, anki l-attriċi, taw aktar fiduċja lil Schembri sabiex hu jkun jista' jitħallas mill-bank (ladarba l-attriċi kienet ħadet* loan*) għad li kien għadu ma lestiex il-mija fil-mija tax-xogħol.*

*Il-Perit Said spjega li din kienet prassi fil-professjoni tiegħu, bl-intiża tkun li sakemm il-bank tal-attriċi jipproċessa d-dokumentazzjoni maħruġa mill-perit, il-bennej ikun laħaq lesta x-xogħlijiet minuri in kwistjoni. Hekk, meta l-bennej ikun effettivament tħallas, ikun laħaq tlesta x-xogħol.*

*Fil-kontro-eżami, Said kompla jispjega li meta hu kkonsidra l-affarijiet kollha, ix-xogħol kien* "…kważi ħamsa u disgħin fil-mija tiegħu lest, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bank li kellhom joħorġu pagament wieħed u minħabba l-fatt ukoll li konna qed naħsbu li l-bennej qiegħed ikaxkar saqajh daqshekk…*".*

*Għalhekk, il-Perit Said ħass li seta' joħroġ iċ-ċertifikat relattiv. Huwa kompla jispjega fil-kontroeżami li minn dakinhar li nħareġ iċ-ċertifikat sad-data meta għamel ir-*

*rapport dwar il-ħsarat, Schembri kien qiegħed jagħti lill-attriċi u lill-perit x'jifhmu li kien ser ikompli l-aħħar ftit tax-xogħol iżda ma setax jagħmel dan minħabba fl-inċident li kellu. Iżda mbagħad, il-Perit żied jgħid li qatt qabel Diċembru 2018 ma ġie nfurmat li l-aħħar ftit xogħol kien għadu ma sarx minħabba xi kwistjoni dwar ħlasijiet.*

*Said kompla jispjega (dejjem fil-kontro-eżami) li fir-rigward tal-bjut, ma kienx hemm xi* hard-and fast rule *dwar jekk l-ewwel kellhomx isiru l-katusi mbagħad il-kontrabejt, għalkemm ikkonċeda li ħafna kienu l-ewwel iqiegħdu l-katusi mbagħad jagħmlu l-kontrabejt. Huwa ovvju għat-Tribunal li l-konvenut qiegħed jipprova jargumenta li huwa ma setax jagħmel il-kontrabejt billi l-katusi kienu għadhom ma sarux. Il-Perit Said baqa' jenfasizza li għalkemm in-norma kienet li jsiru l-katusi u mbagħad il-kontrabejt, seta' faċilment isir il-kuntrarju.*

*It-Tribunal qara sewwa l-affidavit tal-konvenut Alfred Schembri u ra li għalkemm huwa ammetta li lesta x-xogħol f'April 2018, ma spjegax għaliex dam sa April 2018 meta l-kuntratt kien jgħid li x-xogħol kellu jitlesta sa Frar 2018. Schembri aċċetta wkoll li huwa ntalab mill-Perit Said sabiex jagħmel xi xogħol rimedjali jew korrettorju. Iżda fil-paragrafu numru 6 tal-affidavit tiegħu (fol. 226), Schembri ma jgħidx jekk dan ix-xogħol rimedjali sarx u kemm ħa żmien biex isir. Kieku x-xogħol sar fil-pront, kien ikun fl-interess ta' Schembri li jgħid li huwa esegwixxa x-xogħol indikat mill-perit fil-pront u għalhekk ma kienx responsabbli għall-ħsarat elenkati fir-rapport tal-Perit Said dwar il-ħsarat.*

*Fl-affidavit (fol. 227), Schembri jgħid li l-aħħar darba li huwa resaq lejn il-proprjetà tal-attriċi kien f'April 2018. Hawn, Schembri effettivament jammetti li huwa ma wettaqx ix-xogħlijiet rimedjali li ngħata struzzjonijiet biex iwettaq.*

*Fl-affidavit tiegħu, Schembri jiċħad li huwa ħalla l-proprjetà tal-attriċi fl-istat muri fl-items 1.4 u 1.6 tar-rapport tal-perit, u jgħid li bejn April 2018 (meta nħareġ iċ-ċertifikat) u Jannar 2019 (meta saret spezzjoni), huwa ma resaqx lejn il-fond u "*daħħel il-blajjet*" u ma wżax kunjardi. Huwa ċar li Schembri qiegħed effettivament jgħid li mhuwiex responsabbli jekk fil-frattemp l-attriċi inkarigatx lil xi ħaddiem ieħor biex jaħdmilha u dan ikkawża xi ħsarat. Iżda, jekk din hija t-teżi tal-konvenut, allura għaliex il-konvenut ma staqsiex lill-attriċi u lill-Perit Said* point blank *fil-kontro-eżami jekk qatt ġiex ingaġġat ħaddiem ieħor biex jaħdem minfloku bejn April 2018 u Jannar 2019? Kieku l-attriċi u l-Perit Said kellhom iwieġbu fl-affermattiv għal domanda bħal dik, il-konvenut seta' jkun prattikament eżonerat.*

*Schembri jkompli jgħid fl-affidavit li lejn l-aħħar ta' Lulju 2018 huwa kellu inċident f'sit ta' kostruzzjoni u sofra xi ksur. Huwa jgħid li f'Awwissu 2018 l-attriċi ċemplitlu u talbitu jkomplilha l-kontrabejt. It-Tribunal jara din bħala ammissjoni li fil-fatt, ix-*

*xogħol rimedjali kien għadu mhux lest. Kieku kien lest, Schembri kien jgħid li huwa nforma lill-attriċi li ma kien hemm xejn x'jitkompla għax ix-xogħol kien lest!*

*Għal darb'oħra, il-konvenut Schembri naqas li jispjega għaliex huwa m'għamel xejn bejn April u Lulju 2018.*

*Il-konvenut jipprova jeżonera ruħu billi jgħid li huwa ta parir lill-attriċi (f'Awwissu 2018) li billi kienet qed toqrob ix-xitwa, kien ikun aħjar tqabbad lil ħaddieħor u tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tara li ma jidħlilhiex ilma. Iżda f'għajnejn it-Tribunal, jibqa' l-fatt li kieku Schembri għamel dak mitlub minnu mill-Perit Said f'April 2018 (diġà xahrejn tard), ma kienx ikun hemm bżonn li huwa (jiġifieri l-konvenut) jagħti parir lill-attriċi sabiex tqabbad lil ħaddieħor u tara li ma jidħlilhiex ilma.*

*It-Tribunal ma jaqbilx mal-pożizzjoni tal-konvenut Schembri qabel xejn għaliex huwa naqas li jispjega għaliex* "lesta" *x-xogħol f'April 2018 meta fil-fatt, kellu jlesti fi Frar 2018 taħt piena ta' penali prelikwidati, u t-tieni, għar-raġuni li wara li ġie indikat lilu x-xogħol rimedjali f'April 2018, ma wettaqx dan, għad li skont il-perit, dan ix-xogħol ma kienx ser jieħu wisq ħin. F'ebda punt il-konvenut ma spjega għaliex dam diversi xhur biex jibda dan ix-xogħol rimedjali bil-konsegwenza li huwa weġġa' f'Lulju jew Awwissu u mbagħad ovvjament ma bdiehx billi kien imweġġa'.*

*It-Tribunal josserva li d-difiża tal-forza maġġuri hija proprju dwar forza maġġuri, u mhuwiex l-iskop tagħha li tintuża sabiex tiġġustifika dewmien bla bżonn.*

*Dwar il-*quantum *pretiż mill-attriċi, it-Tribunal ra l-prospett ġuramentat tagħha (fol. 103) formanti parti mill-affidavit, u jsib li l-ammonti u d-deskrizzjonijiet hemm indikati jagħmlu sens.*

*Għalhekk, it-talbiet tal-attriċi jimmeritaw li jintlaqgħu."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2023, fejn qiegħed jitlobha sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (i) it-Tribunal għażel li jistrieħ fuq ir-rapporti u d-dikjarazzjonijiet tal-Perit Raymond Said, minkejja n-

nuqqas ta' attendibilità tagħhom u x-xhieda kunfliġġenti tiegħu; (ii) it-Tribunal naqas milli jikkunsidra li jirriżulta li l-partijiet kienu laħqu ftehim bejniethom fir-rigward tal-kontrabejt; (iii) it-Tribunal naqas milli jikkunsidra li l-kommittent għandu l-obbligu li jimminimizza d-danni; u (iv) it-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni u tal-impożizzjoni tal-imgħax.

7. L-appellata wieġbet fis-26 ta' April, 2023, fejn issottomettiet li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u korretta, u għaldaqstant timmerita li tiġi kkonfermata fl-intier tagħha għal dawk ir-raġunijiet li hija tfisser fit-tweġiba tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkunsidra il-kwistjoni ta' nullità tar-rikors tal-appell li qiegħda tissoleva l-appellata. Tikkontendi li ġaladarba l-appellant m'ottemporax ruħu mad-dispożizzjonijiet tal-para. (a) tas-subartikolu 9(2) tal-Kap. 380 billi avvża lit-Tribunal li huwa kien ser jappella mid-deċiżjoni tiegħu, l-appell odjern għandu jiġi kkunsidrat null. Il-Qorti tirrileva li l-avviż li mitlub jingħata lill-ġudikant jikkostitwixxi sempliċi formalità, u n-nuqqas tiegħu m'għandux iwassal għall-ebda konsegwenza fil-liġi li ma tipprovdi għall-ebda nullità. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal straħ fuq ir-rapporti u d-dikjarazzjonijiet tal-Perit Raymond Said, minkejja n-nuqqas ta' attendibilità tagħhom u x-xhieda kunfliġġenti]*

9. L-appellant jirrileva li l-Perit Raymond Said kien ħareġ il-*Payment Certificate* f'April 2018, hekk kif huwa kien ikkonstata li x-xogħlijiet kienu ġew eżegwiti skont is-sengħa u l-arti min-naħa tal-istess appellant. Huwa jagħmel riferiment għal dak li qal l-imsemmi Perit Said fl-affidavit tiegħu fir-rigward tal-laqgħa li saret qabel ma nħareġ is-*Certificate of Completion,* u jirrileva li dan kollu kien tassew jikkuntrasta ma' dak li ġie ddikjarat fil-*Payment Certificate,* fejn intqal *"[w]ith reference to the above-captioned project, I hereby certify that the amount stipulated below is due to the contactor as per contract of works signed".* Jikkontendi li dan kien ifisser li x-xogħlijiet indikati kienu ġew eżegwiti fl-intier tagħhom u skont is-sengħa u l-arti. Jirrileva wkoll li b'din id-dikjarazzjoni l-bank ikollu moħħu mistrieħ, u b'hekk jgħaddi sabiex jawtorizza l-pagament dovut. Iżda meħud in konsiderazzjoni ta' dak li qal il-Perit Said, li din l-istqarrija ma kinitx tirrifletti l-fatti, l-appellant jikkontendi li b'hekk tali stqarrija kienet waħda falza intiża sabiex jinkiseb *"vantaġġ jew benefiċċju"*, u li għalhekk iġġib il-konsegwenzi legali magħha. L-appellant jgħid li huwa mhuwiex sorpriż li għalhekk il-*Payment Certificate* ma kienx ġie anness mal-Avviż tat-Talba u lanqas mal-affidavit tal-Perit Said, li fil-kontro-eżami tiegħu ttenta jiġġustifika din id-dikjarazzjoni billi qal li din kienet *"il-prassi"* fil-profesjoni tiegħu. Isostni li dan kollu kellu jitfa' dubju fuq l-attendibilità tal-konklużjonijiet tal-Perit Said, iżda madankollu t-Tribunal straħ fuq ix-xhieda u l-konklużjonijiet tiegħu mingħajr riżervi, mingħajr l-ebda riferiment għax-xhieda kontrastanti tiegħu. Jispjega li l-Perit Said kien filfatt ġibidlu l-attenzjoni tiegħu biss għall-invellar ta' xi *bricks,* iżda mhux għall-fatt li kien hemm xi xogħlijiet ulterjuri ta' rettifika. L-appellant jirrileva wkoll li t-Tribunal naqas li jikkunsidra li fl-*Architect's Declaration* tas-16 ta' Jannar, 2019, l-istess Perit Said kien naqas milli jsemmi li kellhom bżonn isiru

dawn ix-xogħlijiet, li wara kollox huwa kien għamilhom. Iżda mbagħad fid-*Damages Report* li ħareġ l-imsemmi Perit fil-31 ta' Jannar, 2019 jew ġimagħtejn wara, kienu ġew indikati diversi difetti fix-xogħol li huwa kien ikkonstata meta aċċeda fis-26 ta' Jannar, 2019, u minkejja l-fatt li x-xogħlijiet kienu ġew eżegwiti taħt is-sorvelljanza u s-superviżjoni tiegħu. Huwa jiċċita dak li kien qal fl-affidavit tiegħu dwar il-kostruzzjoni tal-blajjet fuq il-bibien. L-appellant isostni li n-nuqqas ta' attendibilità tax-xhieda tal-Perit Said toħroġ ukoll mill-fatt li n-nuqqasijiet deskritti minnu fid-*Damages Report* tal-31 ta' Jannar, 2019, mhumiex ikkorroborati minn dokumentazzjoni jew struzzjonijiet rilaxxjati minnu matul il-perijodu li jsegwi l-ħruġ tal-*Payment Certificate* tal-14 ta' April, 2018 sal-jum li fih sar dak ir-rapport suriferit. Fl-imsemmi rapport il-Perit Said jagħmel riferiment għal dak li kkonstata waqt l-aċċess li sar iktar minn disa' xhur wara li nħareġ il-*Payment Certificate.* Jirrileva li fl-*Architects Declaration* ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-Perit Said kien aċċeda fuq is-sit qabel ma rrilaxxja dan id-dokument, u li r-ritratti kienu dawk li huwa kien ħa disa' xhur qabel wara l-ħruġ tal-*Payment Certificate.* Jikkontendi li dan tal-aħħar għandu jservi ta' prova li x-xogħlijiet kienu attwalment saru skont is-sengħa u l-arti. Huwa hawnhekk jiċċita dak li qal il-Perit Said fir-rigward ta' dan in-nuqqas, fejn iddikjara li l-kwistjoni ma kinitx issemmiet bil-miktub. Isostni li wieħed jistenna li hekk kellu jsir sabiex b'hekk jitwarrab kull dubju, u mhux jinħareġ il-*Payment Certificate* favurih, fejn imbagħad jiġi rinfaċċat b'allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet disa' xhur wara li x-xogħlijiet ikunu ġew eżegwiti. Filwaqt li jagħmel riferiment wkoll għal dak li qal it-Tribunal dwar l-allegat dewmien tiegħu sabiex jeżegwixxi x-xogħlijiet rimedjali, jirrileva li (a) l-appellata ma kinitx talbet għal-likwidazzjoni u l-konsegwenti ħlas ta' penali; u (b) huwa ma kienx f'pożizzjoni li jeżegwixxi x-

xogħlijiet rimedjali ġaladarba dawn ġew indikati lilu permezz tad-*Damages Report* tal-31 ta' Jannar, 2019 u mhux f'April 2018.

10. Min-naħa tagħha l-appellata tikkontendi li l-ġustizzja sostantiva tirrikjedi li x-xhieda tal-Perit Said tingħata l-aktar piż fl-analiżi li wettaq it-Tribunal, u dan fejn wara kollox huwa kien qiegħed jissorvellja x-xogħol in kwistjoni. Issostni li kienet biss ix-xhieda tal-Perit Said li setgħet twassal lit-Tribunal sabiex jiddeċiedi skont il-ħaqq u s-sewwa. Tgħid li jkun tassew żball jekk din il-Qorti tgħaddi sabiex tapplika l-liġi 'l bogħod mill-kuntest prattiku u reali li qiegħed jiġi ssuġġerit fir-rikors tal-appell, fejn qed jintefa' dubju fuq il-fatt li t-Tribunal aċċetta prassi ta' professjoni. Issostni li l-applikazzjoni ta' liġi barra mill-kuntest partikolari, ma twassalx għal ġustizzja vera. Issostni li fil-kamp tal-liġi ċivili, il-piż probatorju mhux dak li jmur lilhinn minn kull dubju.

11. Il-Qorti tagħraf li l-kwistjoni sollevata hawnhekk mill-appellant fir-rigward tal-allegata dikjarazzjoni falza magħmula mill-Perit Said, kienet ġiet ittrattata u deċiża mit-Tribunal. L-imsemmi Tribunal mill-ewwel għaraf li mhux minnu kif suġġerit mill-appellant, li l-Perit Said għamel dikjarazzjoni falza. Ikkunsidra li permezz tas-*Certificate of Completion,* il-Perit Said u saħansitra anki l-appellata, kienu fdaw lill-appellant ġaladarba dan ma kienx lesta x-xogħol kollu, bil-għan li jitħallas mill-bank għaliex l-appellata kienet ħadet self għal dan il-għan. Il-Qorti hija tal-istess fehma, u tgħid li hawnhekk l-appellant qiegħed jittenta jdawwar dik il-fiduċja fih murija mill-Perit Said u mill-appellata klijenta tiegħu, kontrihom stess, billi jallega l-falsità f'dak li ddikjara l-Perit Said sabiex jevita l-obbligazzjonijiet tiegħu lejn l-appellata. It-Tribunal għalhekk kompla kkunsidra dak kollu li xehed dwaru l-Perit Said, fejn dan spjega r-raġuni għaliex huwa kien

għadda sabiex joħroġ is-*Certificate of Completion,* proprju tgħid din il-Qorti sabiex jaġevola lill-appellant, u b'hekk il-ħlas mill-bank ma jittardjax iktar mit-tmiem tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet. It-Tribunal hawnhekk ikkunsidra wkoll li skont il-ftehim bejn il-partijiet, ix-xogħlijiet kellhom jitlestew sa Frar 2018, iżda l-appellat stess ammetta li lestihom f'April 2018, u dan mingħajr ma spjega r-raġuni għad-dewmien tiegħu. Huwa ħa in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-appellant ammetta fl-affidavit tiegħu li huwa kien intalab mill-Perit Said sabiex jeżegwixxi xi xogħol rimedjali jew korrettorju, u rrileva li fl-istess ħin l-appellant ma spjegax jekk dan ix-xogħol sarx u kemm dam sabiex isir. It-Tribunal tajjeb osserva li kieku dan ix-xogħol sar, l-appellant kien jindika dan u b'hekk kien ukoll jiddikjara li ma kienx responsabbli għall-ħsarat elenkati fir-rapport peritali. Jirrileva li minflok fl-affidavit tiegħu l-appellant jiddikjara li huwa ma ressaqx fuq il-post tax-xogħol wara April 2018, u b'hekk it-Tribunal ikkunsidra li dan kien qiegħed jammetti li ma sarux ix-xogħlijiet rimedjali in kwistjoni. Irrileva wkoll li l-appellant fl-affidavit tiegħu ċaħad li huwa kien ħalla l-proprjetà tal-appellata fl-istat indikat fir-rapport peritali, u li bejn April 2018 u Jannar 2019 meta saret spezzjoni, huwa ma kienx resaq 'l hemm, u dan skont hu kien ifisser li l-appellat kien qiegħed jinnega r-responsabbilità għal dak li seta' sar minn ħaddiema oħra nkarigati mill-appellata. Iżda hawnhekk it-Tribunal għamel osservazzjoni rilevanti meta rrileva li l-appellant kien naqas waqt il-kontro-eżami tal-appellata u tal-Perit Said li jistaqsi jekk qatt ġew inkarigati ħaddiema oħra sabiex jaħdmu minfloku f'dak il-perijodu, għaliex jekk iva, qal li huwa seta' kien saħansitra eżonerat mir-responsabbiltà lejn l-appellata. Osservazzjoni oħra mportanti tat-Tribunal hija li l-appellant stess fl-affidavit tiegħu jirrileva li f'Awwissu 2018 l-appellata kienet ċemplitlu sabiex titolbu jkomplilha l-kontrabejt. Ikkunsidra li

ġaladarba hawnhekk l-appellant ma kienx informa lill-appellata li x-xogħol kien tlesta, din kellha sservi ta' ammissjoni tal-fatt li x-xogħol rimedjali kien għadu ma sarx. It-Tribunal għal darb'oħra sab li l-appellant kien naqas milli jispjega d-dewmien tiegħu, u l-Qorti tgħid li hija tal-istess fehma għaliex anki fir-rikors tal-appell tiegħu ma joffri l-ebda ġustifikazzjoni. It-Tribunal ikkunsidra wkoll il-parir tal-appellant lill-appellata sabiex tinkariga lil terzi meta din ċemplitlu f'Awwissu 2018, u dan billi tieħu wkoll il-miżuri sabiex ma jidħolx ilma fil-proprjetà tagħha. It-Tribunal sewwa qies li dan il-parir ma kienx ikun neċessarju li kieku huwa kien eżegwixxa x-xogħlijiet kif rikjest minnu mill-Perit Said f'April 2018. Il-konklużjoni korretta tat-Tribunal kienet li huwa ma kienx qed jaqbel mal-pożizzjoni mfissra mill-appellant, għaliex b'mod partikolari huwa kien naqas li jispjega għaliex *"lesta"* ix-xogħol f'April 2018, meta filfatt kellu jlestih fi Frar 2018, meta kien soġġett għal piena ta' penali prelikwidati, u għaliex eżegwixxa x-xogħol rimedjali ndikat lilu mill-Perit Said f'April 2018, meta dan skont l-istess Perit Said ma kellux jieħu wisq ħin. Fi ftit kliem, li l-Qorti tgħid jirriflettu l-qofol tal-kwistjoni, it-Tribunal osserva li l-appellant ma kienx spjega għaliex dam ix-xhur qabel ma beda x-xogħol rimedjali, sakemm fl-Lulju jew Awwissu 2018 weġġa' u b'hekk imbagħad żgur ma setax jagħmlu. B'hekk fl-aħħarnett għaraf tajjeb li d-difiża ta' forza maġġuri ma tistax tintuża sabiex tiġġustifika d-dewmien bla bżonn. Il-Qorti tikkondividi dawn il-ħsibijiet tassew mirquma tat-Tribunal, u tgħid li m'għandhiex x'iżżid magħhom. Għaldaqstant hija ma ssibx ġustifikat l-ewwel aggravju, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal naqas milli jikkunsidra li kien intlaħaq ftehim bejn il-partijiet sabiex ix-xogħlijiet relattivi għall-kontrabejt isiru wara li terzi jgħaddu l-katusi]*

12. L-appellant isostni li mill-atti proċesswali kien jiririżulta li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar meta u kif huwa kellu jeżegwixxi x-xogħlijiet relatati mat-tqegħid tal-kontrabejt. Min-naħa tiegħu jgħid li huwa dejjem insista li qabel ma jsiru dawn ix-xogħlijiet kellhom jitqegħdu l-katusi minn terzi li kellhom jiġu nkarigati mill-appellata. Wara li jiċċita dak li qal f'dan ir-rigward fl-affidavit tiegħu, jissottometti li saħansitra l-appellata stess fl-affidavit tagħha kkonfermat dak kollu li qal hu, u ddikajrat li kien biss f'Ottubru 2018, jiġifieri xahrejn wara li huwa kien weġġa' serjament, li kienet saret laqgħa mal-*plumber.* Jikkontendi li għalhekk it-Tribunal kien għamel valutazzjoni skorretta tal-provi relattivi, u b'hekk wasal għall-konklużjoni li x-xogħlijiet relattivi setgħu *"faċilment"* saru qabel ma weġġa' serjament.

13. L-appellata hawnhekk tagħmel diversi argumenti ġenerici u baqgħet siekta dwar l-argumenti u l-fatti sollevati mill-appellant. Iżda l-Qorti tirrileva li fix-xhieda tagħha in kontro-eżami waqt l-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2022, hija għamlet ċar li l-ewwel li kellu jsir kien il-kontrabejt skont il-parir tal-Perit Said.[2] Fl-affidavit tagħha diġà kienet spjegat li hekk kif f'April 2018 l-appellat kien infurmaha li x-xogħol kien tlesta, u li kien ġab permess sabiex is-Sibt ta' wara jagħti l-konkos, huma kienu ltaqgħu mal-Perit Said fuq il-post, fejn dan tal-aħħar ġibidlu l-attenzjoni għall-fatt li kellu jsir il-kontrabejt.[3] Il-Qorti tirrileva li dan ix-xogħol kien ġie ndikat fil-*Bill of Quantities* li ftehmu fuqu l-partijiet, u li kien ġie mehmuż mal-kuntratt li sar bejniethom fis-27 ta' Novembru, 2017.[4] Hawnhekk l-appellata qalet *"Alfred kien tana l-kelma, lili u lill-perit, li dawn se jsiru f'dik il-*

---

[2] *A fol.* 180.
[3] *A fol.* 71.
[4] *Supra.*

*ġurnata li kien fadallu jiġi".* B'hekk, ukoll stante li ma jirriżultax li dan kollu ġie kkontestat mill-appellant, il-Qorti ma tarax li hija plawsibbli l-iskuża tiegħu li l-kontrabejt naqas milli jagħmlu għaliex kien qed jistenna li jiltaqa' mal-*plumber* inkarigat mill-appellata, għaliex kien huwa stess li pprometta lill-appellata li ser jagħmlu. Din tal-aħħar spjegat kif dan ix-xogħol filfatt ma sarx, u għalhekk f'Ġunju 2018 kienet għaddietlu l-ħlas stante li ħasbet li kien qiegħed ikaxkar saqajh minħabba li seta' ħaseb li ma kienx ser jitħallas fil-ħin.[5] Skont hi, l-appellant kien baqa' jittrattjeni u meta mbagħad f'Lulju 2018 kien qed jaħdem faċċata tal-proprjetà tagħha, huwa kien qalilha li kien ser jagħti l-kontrabejt ta' dak il-fond u tal-proprjetà tagħha flimkien[6], u hawnhekk għal darb'oħra l-Qorti tgħid li ftit li xejn tista' titqies bħala konvinċenti r-raġuni li qabel il-kontrabejt kellhom isiru l-katusi. Jirriżulta li baqa' ma sar xejn min-naħa tiegħu, u għall-ħabta ta' nofs Awwissu l-appellata qalet li hija saret taf mingħandu li kien weġġa' sew fuq ix-xogħol.[7] Għalhekk il-konklużjoni tat-Tribunal ċertament ma kinitx barra minn lokha meta ddikjara li l-iskuża ta' forza maġġuri ma setgħetx tiġġustifika d-dewmien tiegħu. Imbagħad f'Ottubru 2018 ftehmu li kien ser jiltaqa' mal-*plumber* tagħha sabiex jiddiskutu l-qlib tal-bejt qabel ma jsir il-kontrabejt[8], xhieda li ġiet kontradetta minnu waqt il-kontro-eżami tiegħu.[9] Il-Qorti tirrileva li dan huwa in parti kkorroborat mix-xhieda tal-appellant, fejn fl-affidavit[10] tiegħu ddikjara li *"[k]ien biss f'Ottubru 2018 li Deidre Fenech informatni li kient sabet* plumber". Iżda skont dak li qalet fil-kontro-eżami tagħha, minkejja li hija u l-*plumber* stennewh diversi drabi fuq il-post, l-

[5] *A fol.* 71.
[6] *A fol.* 72.
[7] *Ibid.*
[8] *Ibid.*
[9] Seduta tal-15.11.22.
[10] *A fol.* 6.

appellant qatt ma tfaċċa anki meta kien hemm il-Perit Said preżenti.[11] Barra minn hekk, l-appellata ddikjarat li *"[f]l-ebda żmien ma qalli Alfred ... li qed jistenna lill-plumber, sabiex jagħmel ix-xogħol, sabiex hu jkun jista' jibda, jagħmel il-kontrabejt. Fil-fatt, jekk inħarsu il-messengers u lejn il-komunikazzjoni kollha li kellna, dejjem kien jagħtini x'nifhem illi ħa jagħmel il-kontrabejt, over and over and over again."*[12] Mill-affidavit tagħha jirriżulta li l-appellant kien baqa' jwegħda saħansitra sa ftit jiem qabel il-Milied ta' dik is-sena li huwa kien ser jagħmel il-kontrabejt, iżda meta bgħatitlu messaġġ fuq *messenger* fl-4 ta' Jannar, 2019 huwa naqas li jweġibha lura.[13] Minn dan kollu l-Qorti tista' biss tifhem li n-nuqqas tal-appellant ċertament ma kienx ikkawżat mill-fatt li ma kienux saru l-katusi, wisq inqas li kien weġġa', iżda deċiżjoni volontarja tiegħu stess.

14. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx it-tieni aggravju tiegħu ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[it-Tribunal naqas li jikkunsidra li l-kommittent għandu obbligu li jimminimizza d-danni]*

15. L-appellant jispjega li mill-atti proċesswali jirriżulta li meta huwa kien informa lill-appellata li ser ikun indispost għal diversi xhur, hija baqgħet lura milli tinkariga lil terzi sabiex isir ix-xogħol ta' kontrabejt, u dan minkejja li hija kienet ibbenefikat minn xogħlijiet addizzjonali b'valur viċin dawk indikati fil-*Bill of Quantities* bħala *'roofing works'*. Hawnhekk huwa jagħmel riferiment għal dak li qal dwar il-kwistjoni fix-xhieda tiegħu mogħtija permezz ta' affidavit, u jgħid li

[11] *A fol.* 180.
[12] *A fol.* 181.
[13] *A fol.* 74.

l-fatt li l-appellanta kienet naqset milli tinkariga terzi, kienet ammettietu hija stess fix-xhieda tagħha in kontro-eżami, u jiċċita dak li proprju qalet f'dan ir-rigward. Jirrileva li l-kwistjoni li huwa kien qiegħed iqajjem kienet proprju dwar l-obbligu tal-appellata, li fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari hija kellha tagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex timminimizza d-danni li setgħet tinkorri. In sostenn tal-argument tiegħu, huwa jiċċita dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet **Maria Xuereb et *vs.* TBS Services Limited**, u jissottometti li l-*Architect's Declaration* u anki d-*Damages Report* ma jagħmlu l-ebda riferiment għal xi miżuri temporanji li ttieħdu mill-appellata. Jirrileva wkoll li ma ġew esebiti l-ebda ritratti ta' xi miżuri li setgħu ittieħdu, u dan fejn anki l-Perit Said kien jaf sew li huwa kien weġġa' serjament f'Lulju 2018. Jgħid li madankollu l-imsemmi Perit Said naqas milli jagħti struzzjonijiet lill-appellata sabiex jiġu eżegwiti x-xogħlijiet neċessarji, u sabiex jiġu evitati ħsarat fil-proprjetà tagħha. Madankollu kien biss f'Jannar 2019 li l-Perit Said flimkien mal-appellata ddeċidew li jinkarigaw lil terzi sabiex jiġu eżegwiti x-xogħlijiet tal-kontrabejt. Għalhekk jgħid li din il-Qorti għandha tikkunsidra dawn iċ-ċirkostanzi fid-dawl tal-obbligu tal-kreditur li jieħu dawk il-miżuri neċessarji sabiex jimminizza d-danni li jista' jiġi espost għalihom.

16. Hawnhekk ukoll l-argumenti tal-appellata huma pjuttost ġeneriċi, filwaqt li tikkontendi li kienet proprju n-negliġenza tal-appellant li wasslet għad-danni sofferti minnha. Il-Qorti tqis li huwa tassew minnu li l-kreditur għandu kull obbligu li jimminimizza d-danni, iżda tgħid li l-obbligu l-ewwel u qabel kollox kien jispetta lill-appellant li jottempora ruħu mal-obbligi assunti minnu fil-ftehim bejn il-partijiet. Tgħid li huwa inekwivoku li n-nuqqas tiegħu li jħares l-

obbligi tiegħu kif patwiti, wassal għad-danni sofferti mill-appellata. Jirriżulta mhux ikkontestat li huwa kien intrabat li jeżegwixxi diversi xogħlijiet fil-proprjetà tagħha skont il-ftehim bil-miktub ta' bejniethom. Iżda minflok għażel li wara dewmien sostanzjali, ma jtemmx l-inkarigu tiegħu. Irriżulta wkoll li ma kien hemm l-ebda raġuni li setgħet tiġġustifika dan in-nuqqas tiegħu. Iżda hawnhekk ma jistax jippretendi li l-appellata għandha ġġorr parti mir-responsabbiltà għad-danni sofferti minnha, ġaladarba fil-fehma tal-Qorti ma kkontribwietx għalihom u għamlet minn kollox sabiex tevitahom. Tqis li l-appellata li kienet ħallset lill-appellant bil-quddiem għal dak ix-xogħol li kien baqagħlu jagħmel, inkluż il-kontrabejt, minflok inkarigat lil terzi sabiex jeżegwixxu dak ix-xogħol u b'hekk tinkorri spiża addizzjonali, tat lill-appellant il-benefiċċju taż-żmien. Kien meta tfaċċat il-ħsara fil-proprjetà tal-ġirien u proprju fil-proprjetà tagħha stess riżultat ta' perkolazzjoni ta' ilma tax-xita, li hija ġiet kostretta tinkariga lil ħaddiehor, u b'hekk tidħol fi ħlas doppju għax-xogħlijiet li ma sarux, iżda wkoll għal dawk rimedjali.

17. Għaldaqstant il-Qorti tgħid li anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *[it-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni u tal-impożizzjoni tal-imgħax]*

18. Dan l-aħħar aggravju tal-appellant jittratta l-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni u tal-ħlas ta' mgħax. L-appellant jikkontendi li t-Tribunal ma nvestigax it-talba tal-appellata, u jissottometti s-segwenti: (a) għar-rigward l-ammont ta' €477.90 rappreżentanti *"spejjeż tal-perit Ray Said sabiex ħareġ ir-rapport u*

*dokumenti li juru l-ħsara fis-sit tiegħi"*, ma kinitx ġiet ippreżentata l-irċevuta fiskali iżda biss il-fattura; (b) għar-rigward l-ammont ta' €1,534 rappreżentanti l-ammont imħallas lil Salvinu Vella, u l-ammont ta' €1,295 rappreżentanti l-ammont imħallas lill-appellant *"għall-kontrabejt li dan baqa' qatt ma sar"*, kienet dovuta biss id-differenza; (ċ) għar-rigward tal-ammont ta' €600 li tnaqqas minħabba *"qbil fuqu miż-żewġ partijiet",* l-ammont dovut lilu għal xogħlijiet addizzjonali kien ta' €1,580 li jirriżulta mill-messaġġi esebiti mill-appellata stess, filwaqt li ma kien hemm l-ebda ftehim fir-rigward tal-ewwel ammont. Dwar l-imgħaxijiet dovuta, l-appellant isostni li dawn għandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza ta' din il-Qorti.

18. L-appellata twieġeb li hija kienet ressqet l-aħjar prova li setgħet iġġib fiċ-ċirkostanzi. Tistieden lil din il-Qorti sabiex tinvestiga l-għan tal-ħlas ta' danni, li tafferma li huwa l-prinċipju ta' *restitutio in integrum.*

19. Il-Qorti tibda billi tikkunsidra l-ammont reklamat mill-appellata fir-rigward tad-dritt dovut lill-Perit Said. Tgħid li għalkemm huwa minnu li d-dokument anness mal-affidavit tal-appellata huwa filfatt fattura u mhux irċevuta fiskali, ma ssib l-ebda raġuni għaliex dan l-ammont m'għandux jiġi aċċettat, ġaladarba kif jirriżulta mill-provi, is-servizzi ġew reżi skont kif indikat fl-imsemmija fattura, u d-dokumenti elenkati tassew ġew redatti.

20. Dwar ż-żewġ ammonti reklamati mill-appellata fir-rigward tal-kontrabejt, il-Qorti tgħid li hawnhekk l-appellant għandu raġun. Hija għandha titħallas darba waħda biss, u dan għandu jkun l-ammont li hija ħallset lil terzi.

21. Wara li reġgħet rat l-atti, il-Qorti ma sabet l-ebda prova li turi li l-ammont dovut lill-appellant għal xogħlijiet addizzjonali huwa tassew ta' €1,580 kif allegat minnu. Ċertament jirriżulta qbil dwar l-ammont ta' €600, iżda mhux dwar l-ammont sħiħ ta' €1,580 reklamat mill-appellant. Jirriżulta saħansitra li dan huwa kkontestat mill-appellata kif tispjega fl-affidavit tagħha[14], fejn tispjega wkoll li hi u l-Perit Said kienu ltaqgħu mal-appellant fil-fond proprjetà tagħha, fejn l-imsemmi Perit Said spjegalu kif l-ammont pretiż ma kienx ġustifikat. Jekk l-appellant jidhirlu li l-appellata hija debitriċi lejh għal xi ammont rappreżentanti xogħol addizzjonali, huwa dejjem jibqagħlu d-dritt li jitlob il-ħlas permezz ta' proċeduri separati minn dawk odjerni.

21. Għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni tal-imgħax li qiegħed jissolleva l-appellant, il-Qorti tikkunsidra li dawn għandhom jitħallsu mid-data ta' din is-sentenza, ġaladarba s-somma dovuta mingħandu tirrappreżenta danni likwidati.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tilqa' l-appell odjern biss fejn dan jolqot l-ammont reklamat mill-appellata ta' €1,295 rappreżentanti l-valur tax-xogħol tal-kontrabejt, u tordna li l-appellant għandu jħallas lill-imsemmija appellata s-somma ridotta ta' elfejn ħames mija wieħed u disgħin Euro u disgħin ċentezmi (€2,591.90), u l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza, filwaqt li tiċħad il-bqija tal-appell tiegħu, u tikkonferma s-**

[14] *A fol.* 73.

**sentenza appellata fl-ammont hekk imnaqqas, u bl-imgħax pagabbli kif appena ngħad.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**